**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Novembru, 2022**

**Talba Nru: 128/2022MD**

**National Insurance Brokers Limited (C 84564)**

**Vs**

**U-Boat Malta Limited (C53946)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2022[1] permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi dikjarata debitrici tas-socjeta' attrici u konsegwentement kkundannata thallasha s-somma ta' tlett elef, seba' mija u sitta u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezimu (€3,786.64) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' hrug ta' polza ta' assigurazzjoni u licenzja ta' vettura, piu' servizzi ohra ancillari.

Ra l-fattura[2] annessa mal-istess avviz.

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 4 tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tal-4 ta' Ottubru, 2022,[3] u tal-15 ta' Novembru, 2022.[4]

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2022[5] u fil-fatt is-socjeta' konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih ghas-seduta tal-15 ta' Novembru, 2022.

Ra n-nota ta' cessjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fejn gie dikjarat li qieghda iccedi s-sorte stante hlas izda zzomm ferm il-kap tal-ispejjez[6].

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra li s-somma mitluba mis-socjeta' attrici giet imhallsa mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk dan it-Tribunal ser jiddeciedi biss fuq il-kap tal-ispejjes.

Ikkunsidra li s-sorte thallset wara li nfethet l-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici stante hlas.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu unikament mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

---

[3] *A fol* 7 tal-process.
[4] *A fol* 9 tal-process.
[5] *A fol* 8 tal-process.
[6] *A fol* 10 tal-process.